

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-12 ta' Ġunju 2014****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/138/UE rigward il-kundizzjonijiet ta' introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti speċifikati u l-moviment tagħhom fiha sabiex jiġu evitati l-introduzzjoni u t-tixrid tal-*Anoplophora chinensis* (Forster)**

(notifikata bid-dokument C(2014) 3798)

(2014/356/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/138/UE ⁽²⁾ tippermetti l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti li jkunu tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Anoplophora chinensis* (Forster) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-organiżmu speċifikat").
- (2) Minn informazzjoni pprovduta miċ-Ċina jidher li l-pjanti li għandhom inqas minn sentejn u li tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-organiżmu speċifikat, iżda li ma jinsabx f'żona ħielsa mill-pesti, ma jikkawżaw l-ebda riskju addizzjonali li jiġi introdott dak l-organiżmu. Għalhekk huwa xieraq li tiġi permessa wkoll l-importazzjoni ta' dawn il-pjanti.
- (3) Huwa xieraq ukoll li jiġu permessi l-introduzzjoni ta' dawn il-pjanti minn pajjiżi terzi oħra u l-moviment tagħhom fi ħdan l-Unjoni.
- (4) Għaldaqstant, l-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/138/UE għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/138/UE għandu jiġi emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 169, 10.7.2000, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/138/UE tal-1 ta' Marzu 2012 fir-rigward tal-miżuri ta' emerġenza li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) (ĠU L 64, 3.3.2012, p. 38).

ANNEX

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/138/UE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) It-Taqsima 1 għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-punt (b) tal-paragrafu 1 tal-Parti A, il-frażi ta' introduzzjoni għandha tinbidel b'dan li ġej:

“(b) li l-pjanti jkunu tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, li jkunu tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Anoplophora chinensis* (Forster) skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji.”

(b) fil-punt (b) tal-paragrafu 1 tal-Parti B, il-frażi ta' introduzzjoni għandha tinbidel b'dan li ġej:

“(b) li l-pjanti jkunu tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, li jkunu tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Anoplophora chinensis* (Forster) skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji.”

(2) Il-frażi ta' introduzzjoni tal-paragrafu 1 tat-Taqsima 2 għandha tinbidel b'dan li ġej:

“1. Il-pjanti speċifikati li joriġinaw ⁽¹⁾ f'żoni demarkati fl-Unjoni jistgħu jiġu ttrasportati fl-Unjoni biss jekk ikollhom magħhom passaport tal-pjanti mħejji u maħruġ skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE ⁽²⁾ u jekk ikunu tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel il-moviment, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, jekk ikunu tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni.”